# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 549.62

## REGOLAMENTI DWAR QAFAS FIL-POLITIKA AMBJENTALI TAL-BAĦAR

4 ta' Marzu, 2011

*L-AVVIŻ LEGALI 73 tal-2011, kif emendat bl-Avviż Legali 365 tal-2018.*

Titolu u skop.
*Emendat: A.L.365 tal-2018.*

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Qafas fil-Politika Ambjentali tal-Baħar.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jkun stabbilit qafas fejn Malta għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiksbu jew iżommu *status* ambjentali tajjeb fl-ambjent marin sa mhux aktar tard mis-sena 2020 kif ukoll jimplimenta id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2017/845/UE tas-17 ta' Mejju 2017 li temenda d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-listi indikattivi tal-elementi li għandhom jitqiesu fit-tħejjija tal-istrateġiji tal-baħar.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jikkontribwixxu għall-koerenza bejn, u jkollhom l-għan li jiżguraw l-integrazzjoni ta', interessi ambjentali fil-linji politiċi, fi ftehim u f'miżuri leġislattivi differenti li jkollhom impatt fuq l-ambjent marin.

(4) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-ilmijiet marini kollha kif definiti fir-regolament 2(1), u għandom iqisu l-effetti transkonfini fuq il-kwalità tal-ambjent marin ta' pajjiżi terzi fl-istess Reġjun jew Sub-Reġjun Marin, kif imfisser fir-regolament 5.

(5) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal attivitajiet li l-uniku fini tagħhom hu d-difiża jew is-sigurtà nazzjonali. Madankollu, għandu jiġi żgurat kull sforz sabiex tali attivitajiet jitwettqu b'mod li jkun kompatibbli, safejn hu raġonevoli u prattikabbli, mal-objettivi ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

**2.** (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx xort'oħra -

"l-awtorità kompetenti" tfisser l-Uffiċju tal-Prim Ministru, u kull korp ieħor jew persuna li l-Prim Ministru jista' jinnomina u korpi jew persuni differenti jistgħu jiġu nominati bħala l-awtorità kompetenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

"ilmijiet marini" tfisser:

(*a*) ilmijiet, il-qiegħ tal-baħar u s-subsoil tan-naħa tal-baħar tal-linja bażi minn fejn il-medda tal-ilmijiet territorjali hija mkejla li testendi sat-tarf nett taż-żona fejn Stat Membru ikollu u, jew jeżerċita drittijiet ta' ġurisdizzjoni, skond il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal- Baħar u skont il-liġi internazzjonali, u

L.S. 549.100

(*b*) ilmijiet kostali kif definiti bir-Regolamenti dwar Pjan ta’ Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, il-qiegħ tal-baħar u s-subsoil tagħhom, sa fejn aspetti partikolari tal-istatus ambjentali tal-ambjent marin ma jkunux diġà indirizzati permezz ta’ dawk ir-regolamenti jew leġislazzjoni oħra;

"Konvenzjoni dwar Baħar Reġjonali" tfisser kull konvenzjoni internazzjonali jew ftehim internazzjonali flimkien mal-korpi governattivi tagħhom stabbiliti bil-fini li jiġi protett l-ambjent marin tar-Reġjuni Marini msemmijin fir-regolament 5, bħall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Baħar Baltiku, il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal u l-Konvenzjoni dwar l-Ambjent Marin u r-Reġjun Kostali tal-Baħar tal-Mediterran;

"koperazzjoni reġjonali" tfisser koperazzjoni u koordinazzjoni ta’ attivitajiet bejn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u, kull meta possibbli, pajjiżi terzi li jikkondividu l-istess Reġjun jew Sub-Reġjun Marin, bil-fini li jiġu żviluppati u implimentati strateġiji marini;

"kriterji" tfisser karatteristiċi tekniċi distintivi li huma marbutin mill-qrib ma’ deskritturi kwalitattivi;

"mira ambjentali" tfisser dikjarazzjoni kwalitattiva jew kwantitattiva dwar il-kondizzjoni mixtieqa tal-komponenti differenti tal-ilmijiet marini fir-rigward ta’ kull Reġjun jew Sub-Reġjun, u tal-pressjonijiet u l-impatti fuqhom. Il-miri ambjentali huma stabbiliti skont ir-regolament 8;

"reġjun marin" tfisser reġjun tal-baħar li huwa identifikat taħt ir-regolament 4. Ir-Reġjuni Marini u s-Sub-Reġjuni tagħhom huma nominati għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/56/KE u huma determinati b’konsiderazzjoni mogħtija lill-karatteristiċi idroloġiċi, oċeanografiċi u bijoġeografiċi;

"strateġija marina" tfisser l-istrateġija li għandha tiġi żviluppata u implimentata fir-rigward ta’ kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin involut kif stabbilit fir-regolament 4;

"status ambjentali" tfisser l-istat ġenerali tal-ambjent fl-ilmijiet marini, b’konsiderazzjoni mogħtija lill-istruttura, lill-funzjoni u lill-proċessi tal-ekosistemi marini kostitwenti flimkien mal-fatturi naturali fiżjografiċi, ġeografiċi, bijoloġiċi, ġeoloġiċi u klimatiċi, kif ukoll il-kondizzjonijiet fiżiċi, akustiċi u kimiċi inklużi dawk li jirriżultaw minn attivitajiet tal-bniedem ġewwa jew barra ż-żona konċernata;

"status ambjentali tajjeb" tfisser l-istatus ambjentali ta’ ilmijiet marini fejn dawn jikkostitwixxu oċeani u ilmijiet ekoloġikament diversi u dinamiċi li jkunu nodfa, b’saħħithom u produttivi fil-kondizzjonijiet intrinsiċi tagħhom, u fejn l-użu tal-ambjent marin ikun f’livell li jkun sostenibbli, u li b’hekk jissalvagwardja l-potenzjal għall-użi u attivitajiet minn ġenerazzjonijiet attwali u futuri, jiġifieri:

(*a*) l-istruttura, il-funzjonijiet u l-proċessi tal-ekosistemi

marini kostitwenti, flimkien mal-fatturi assoċjati fiżjografiċi, ġeografiċi, ġeoloġiċi u klimatiċi, jippermettu dawk l-ekosistemi sabiex jiffunzjonaw bis-sħiħ u sabiex iżommu r-reżiljenza tagħhom għall-bidliet ambjentali kaġunati mill-bniedem. L-ispeċi u l-*habitats* marini ikunu protetti, it-tnaqqis tal-bijodiversità kaġunat mill-bniedem ikun impedit u komponenti bijoloġiċi differenti jiffunzjonaw f'armonija;

(*b*) il-proprjetajiet idromorfoloġiċi, fiżiċi u kimiċi, tal-ekosistemi, inklużi dawk il-proprjetajiet li jirriżultaw minn attivitajiet tal-bniedem fiż-żona konċernata, jappoġġaw l-ekosistemi kif deskritt hawn qabel. L-*inputs* antropoġeniċi ta' sustanzi u enerġija, inkluż l-istorbju, fl-ambjent marin ma jikkaġunawx effetti ta' tniġġis.

"tniġġis" tfisser introduzzjoni diretta jew indiretta fl-ambjent marin, kaġun ta' attività tal-bniedem, ta' sustanzi jew ta' enerġija, inkluż storbju taħt il-baħar ikkawżat mill-bniedem, li jirriżulta jew x'aktarx jirriżulta f'effetti detrimentali bħal ħsara lir-riżorsi ħajjin u l-ekosistemi marini, inkluż it-telf tal-bijodiversità, perikli għas-saħħa tal-bniedem, tfixkil ta' attivitajiet marini, inklużi s-sajd, it-turiżmu u r-rekreazzjoni u użu leġittimu ieħor tal-baħar, ħsara fil-kwalità tal-użu tal-ilma baħar u tnaqqis ta' amenitajiet jew, b'mod ġenerali, ħsara lill-użu sostennibbli ta' prodotti jew servizzi marini.

(2) Għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti, kull referenza għal Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandha tinqara' u tinftiehem bħala referenza għal dawk ir-regolamenti li jkunu jimplementaw id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva fil-liġi ta' Malta.

Koordinazzjoni ta' arranġamenti amministrattivi.

**3.** (1) Għandu jkun hemm strateġija marina waħda li tiġi żviluppata u implementata għall-ilmijiet marini ta' Malta.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri neċessarji kollha biex tiżgura arranġamenti amministrattivi xierqa għall-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-kundizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti, partikolarment għall-iżvilupp ta' valutazzjoni inizjali skont ir-regolament 6, programmi koordinati ta' monitoraġġ skont ir-regolament 9 u l-program ta' miżuri skont ir-regolament 10, huma koordinati.

(4) Għandha tinkiseb l-aċċettazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-ambjent, għall-miri ambjentali.

(5) Għandha tinkiseb l-aċċettazzjoni tal-Gvern dwar l-istrateġija marina u l-program ta' miżuri.

Żvilupp ta' strateġija marina.

**4.** (1) L-istrateġija marina għandha tiġi żviluppata u implementata skond il-pjan ta' azzjoni stabbilit bir-regolament 5(2), sabiex:

(*a*) jiġi protett u preservat l-ambjent marin, jiġi prevenut

id-deterjorament tiegħu jew, fejn ikun prattikabbli, jiġu rkuprati l-ekosistemi marini f'żoni fejn ġew milquta b'mod ħazin;

(*b*) jiġu prevenuti u mnaqqsa l-*inputs* fl-ambjent marin, bil-għan li jiġi gradwalment eliminat tniġġis kif definit fir-regolament 2(1), sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm ebda impatt sinifikanti fuq, jew riskji għall-biodiversità marina, għall-ekosistemi marini, għas-saħħa umana jew l-użu leġittimu tal-baħar.

(2) L-istrateġija marina għandha tapplika approċċ ibbażat fuq il-konsiderazzjoni tal-ekosistema għall-ġestjoni tal-attivitajiet tal-bniedem, b'mod li jiżguraw li l-pressjoni kollettiva ta' dawk l-attivitajiet tinżamm f'livelli kompatibbli mal-kisba ta' status ambjentali tajjeb u li l-kapaċità tal-ekosistemi marini li jirrispondu għal bidliet ikkawżati mill-bniedem ma tiġix kompromessa, filwaqt li jippermettu l-użu sostenibbli ta' prodotti u servizzi marini minn ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

Koperazzjoni reġjonali.

**5.** (1) Waqt l-iżvilupp tal-istrateġija marina, l-awtorità kompetenti għandha tieħu konsiderazzjoni tal-fatt li l-ilmijiet marini ta' Malta jifformaw parti integrali mis-sub-reġjun marin tal-Baħar Jonju u l-Baħar Mediterran Ċentrali fi ħdan ir-reġjun marin tal-Baħar Mediterran.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tikkopera ma' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea li jikkondividu l-istess sub-reġjun marin sabiex tiżgura li l-miżuri li jkunu meħtiega sabiex jinkisbu l-objettivi ta' dawn ir-regolamenti, b'mod partikolari l-elementi differenti tal-istrateġija marina msemmija fil-paragrafi (*a*) u (*b*), ikunu koerenti u koordinati fis-sub-reġjun marin tal-Baħar Jonju u l-Baħar Mediterran Ċentrali, konformament mal-pjan ta' azzjoni li ġej li fir-rigward tiegħu għandu jsir milli jista' biex jiġi segwit approċċ komuni:

(*a*) preparazzjoni:

(i) valutazzjoni inizjali, li għandha titlesta sal-15 ta' Lulju 2012, tal-istatus ambjentali attwali tal-ilmijiet involuti u tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet tal-bniedem fuq dan, skont ir-regolament 6;

(ii) determinazzjoni, li għandha tiġi stabbilita sal-15 ta' Lulju 2012, ta' status ambjentali tajjeb għall-ilmijiet involuti, skond ir-regolament 7;

(iii) it-twaqqif, sal-15 ta' Lulju 2012, ta' serje ta' miri ambjentali u ta' indikaturi assoċjati, skont ir-regolament 8(1);

(iv) it-twaqqif u l-implementazzjoni, sal-15 ta' Lulju 2014, ħlief fejn ikun diversifikament speċifikat fil-leġislazzjoni Kommunitarja rilevanti, ta' programmm ta' monitoraġġ għall-valutazzjoni kontinwa u għall-aġġornamenti regolari tal-miri, skont ir-regolament 9(1);

(*b*) programm ta' miżuri:

(i) l-iżvilupp, sa mhux aktar tard mill-2015, ta' programm ta' miżuri maħsub sabiex jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb, skont ir-regolament 10(1), (2), (3) u (4);

(ii) il-bidu tal-operazzjoni tal-programm previst fis-subparagrafu (i), sa mhux aktar tard mill-2016, skont ir-regolament 10(11).

(3) Fejn l-istatus tas-sub-reġjun marin tal-Baħar Jonju u l-Baħar Mediterran Ċentrali ikun tant kritiku li jkun jeħtieġ azzjoni urġenti, Malta trid taħdem flimkien ma' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea li għandhom fruntieri fl-istess sub-reġjun marin, sabiex jitfassal pjan ta' azzjoni skond ir-regolament 4(1), li jinkludi bidu iżjed bikri għall-operazzjoni ta' programmi ta' miżuri protettivi aktar stretti li jkunu possibbli, sakemm dan ma jipprevenix li jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb f'reġjun jew sub-reġjun marin iehor.

(4) Sabiex tinkiseb il-kordinazzjoni msemmija fis-subregolament (2), l-awtorità kompetenti għandha, fejn ikun prattiku u adatt, tuża strutturi reġjonali ta' koperazzjoni istituzzjonali, tibni fuq programmi u attivitajiet eżistenti rilevanti żviluppati fil-qafas ta' strutturi stabbiliti taħt ftehim internazzjonali bħal dawk taħt il-Konvenzjoni dwar l-Ambjent Marin u r-Reġjun Kostali tal-Baħar tal-Mediterran.

(5) Għall-fini tat-twaqqif u l-implementazzjoni tal-istrateġija marina, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel kull sforz, bl-użu tal-fora internazzjonali rilevanti, inklużi mekkaniżmi, strutturi u tibni fuq programmi u attivitajiet eżistenti rilevanti żviluppati fil-qafas ta' strutturi stabbiliti taħt ftehim internazzjonali bħal dawk taħt il-Konvenzjoni dwar l-Ambjent Marin u r-Reġjun Kostali tal-Baħar tal-Mediterran, sabiex jikkordinaw l-azzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi li jkollom sovranità jew ġurisdizzjoni fuq l-ilmijiet tas-sub-reġjun marin tal-Baħar Jonju u l-Baħar Mediterran Ċentrali.

**6.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel valutazzjoni inizjali tal-ilmijiet marini tagħhom, b'konsiderazzjoni għad-*data* eżistenti fejn disponibbli u li tkopri li ġej: Valutazzjoni.

(*a*) analiżi tal-aspetti u tal-karatteristiċi essenzjali u tal-istatus ambjentali attwali ta' dawk l-ilmijiet, ibbażata fuq il-listi indikattivi ta' elementi stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Iskeda II, u li tkopri l-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi, it-tipi ta' *habitats*, il-karatteristiċi bioloġiċi u l-idromorfomoloġija;

(*b*) analiżi tal-pressjonijiet u l-impatti predominanti, inklużi dawk li jirriżultaw mill-attività tal-bniedem, dwar l-istatus ambjentali ta' dawk l-ilmijiet li:

(i) tkun ibbbażata fuq il-listi inidikattivi tal-elementi stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Iskeda II, u li tkopri t-taħlita kwalitattiva u kwantitattiva tal-pressjonijiet varji, kif ukoll ix-xejriet perċettibbli;

(ii) tkopri l-effetti kumulattivi u sinerġetiċi ewlenin; u

(iii) tieħu konsiderazzjoni tal-evalwazzjonijiet rilevanti li ġew imfassla skont il-leġislazzjoni Komunitarja eżistenti;

(*ċ*) analiżi ekonomika u soċjali tal-użu ta' dawk l-ilmijiet marini u tal-ispiża tad-degradazzjoni tal-ambjent marin.

L.S. 423.20

(2) L-analiżi msemmijin fis-subregolament (1) għandhom jieħdu konsiderazzjoni tal-elementi li jirrigwardaw ilmijiet kostali, ta' transizzjoni u territorji koperti mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' leġislazzjoni eżistenti, b'mod partikolari r-Regolamenti dwar il-Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma. Huma għandhom ukoll jieħdu f'konsiderazzjoni, jew jużaw bħala bażi tagħhom, valutazzjonijiet rilevanti oħra bħal dawk imwettqa b'mod konġunt fil-kuntest tal-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali sabiex jipproduċu valutazzjoni komprensiva tal-istatus tal-ambjent marin.

(3) Fit-tħejjija tal-evalwazzjonijiet skont is-subregolament (1), l-awtorità kompetenti għandha, permezz tal-kordinazzjoni stabbilita skont ir-regolamenti 4 u 5, jagħmlu kull sforz sabiex jiżguraw li:

(*a*) il-metodoloġiji tal-evalwazzjoni jkunu konsistenti fir-reġjun jew sub-reġjun marin kollu;

(*b*) jitqiesu l-impatti transkonfini u l-karatteristiċi transkonfini.

Determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb.

**7.** (1) L-istatus ambjentali għandu jiġi determinat fil-livell tas-sub-reġjun kif imsemmi fir-regolament 5, abbażi tad-deskritturi kwalitattivi ġeneriċi fl-Iskeda I. Għandha tiġi applikata ġestjoni adatta abbażi tal-approċċ favur l-ekosistema sabiex jinkiseb status ambjentali tajjeb.

(2) B'referenza għall-valutazzjoni inizjali magħmula skont ir-regolament 6(1), l-awtorità kompetenti għandha, fir-rigward tas-sub-reġjun marin tal-Baħar Jonju u l-Baħar Mediterran Ċentrali, tiddetermina, għall-ilmijiet marini ta' Malta, sett ta' karatteristiċi għal status ambjentali tajjeb, abbażi tad-deskritturi kwalitattivi elenkati fl-Iskeda I. L-awtorità kompetenti għandha tieħu f'konsiderazzjoni l-listi indkattivi ta' elementi stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Iskeda II u, b'mod partikolari, il-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi, tat-tipi ta' *habitats*, il-karatterstiċi bijoliġiċi, u l-idromorfoloġija.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tieħu f'konsiderazzjoni ukoll il-pressjonijiet jew l-impatti tal-attivitajiet umani f'kull reġjun jew sub-reġjun marin, filwaqt li tqis il-listi indikattivi stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Iskeda II.

Stabbiliment ta' miri ambjentali.

**8.** (1) Abbażi tal-valutazzjoni inizjali magħmula skont ir-regolament 6, l-awtorità kompetenti, fir-rigward tas-sub-reġjun marin tal-Baħar Jonju u l-Baħar Mediterran Ċentrali, għandha tistabbilixxi sett komprensiv ta' miri ambjentali u indikaturi assoċjati mal-ilmijiet marini tagħhom sabiex jiggwidaw il-progress lejn il-ksib ta' status ambjentali tajjeb fl-ambjent marin,

b'konsiderazzjoni għal-listi indikattivi ta' pressjonijiet u impatti stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Iskeda II, u l-karatteristiċi stabbiliti fl-Iskeda III.

(2) Fit-tfassil ta' dawk il-miri u indikaturi, l-awtorità kompetenti għandha tieħu f'konsiderazzjoni l-applikazzjoni kontinwa ta' miri ambjentali eżistenti rilevanti, stabbiliti fil-livell nazzjonali, Komunitarju jew internazzjonali fir-rigward tal-istess ilmijiet, waqt li jiżguraw li dawn il-miri jkunu reċiprokament kompatibbli u li l-impatti transkonfini u l-karatteristiċi transkonfini jiġu meqjusa wkoll sa fejn hu possibli.

Programmi ta' monitoraġġ.

**9.** (1) Abbażi tal-valutazzjoni inizjali magħmula skont ir-regolament 6(1), l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi u timplementa programmi koordinati ta' monitoraġġ għall-valutazzjoni kontinwa tal-istatus ambjentali tal-ilmijiet marini tagħhom abbażi tal-lista indikattiva ta' elementi stabbiliti fl-Iskeda II u tal-lista stabbilita fl-Iskeda IV, u b'referenza għall-miri ambjentali stabbiliti skont ir-regolament 8.

(2) Il-programmi ta' monitoraġġ għandhom ikunu kompatibbli fir-reġjun jew sub-reġjun marin u għandhom jibnu fuq, u jkunu kompattibli ma', dispożizzjonijiet rilevanti għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ stipulati bil-leġislazzjoni Komunitarja, inklużi d-Direttivi dwar il-*Habitats* u l-Għasafar, jew taħt kull ftehim internazzjonali.

(3) L-awtorità kompetenti għandha, fl-interess tal-koerenza u tal-kordinazzjoni, tagħmel li tista' sabiex tiżgura li:

(*a*) il-metodi tal-monitoraġġ ikunu konsistenti fis-sub-reġjun tal-Baħar Jonju u l-Baħar Mediterran Ċentrali b'tali mod li tiġi faċilitata l-komparabbiltà tar-riżultati tal-monitoraġġ;

(*b*) jitqiesu l-impatti transkonfini u l-karatteristiċi transkonfini rilevanti.

Programm ta' miżuri.

**10.** (1) L-awtorità kompetenti għandha, fir-rigward tas-sub-reġjun marin tal-Baħar Jonju u l-Baħar Mediterran Ċentrali, tidentifika l-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb, kif stabbilit skont ir-regolament 7, fl-ilmijiet marini ta' Malta.

(2) Dawk il-mizuri għandhom jitfasslu abbażi tal-valutazzjoni inizjali magħmula skont ir-regolament 6(1) u b'referenza għall-miri ambjentali stabbiliti skont ir-regolament 8(1), u filwaqt li tingħata konsiderazzjoni għat-tipi ta'miżuri elenkati fl-Iskeda V.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tintegra l-miżuri mfassla skont is-subregolament (1) fi programm ta' miżuri, b'konsiderazzjoni mogħtija lill-miżuri rilevanti meħtiega skont il-leġislazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari d-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE dwar it-trattament tal-ilma urban mormi, id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar tal-ilma għall-għawm, kif ukoll id-Direttiva 2008/105/KE dwar *standards* ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma jew kull ftehim internazzjonali.

(4) Fit-tfassil tal-programm ta' miżuri skond is-subregolament (3), l-awtorità kompetenti għandha tagħti konsiderazzjoni dovuta lill-iżvilupp sostenibbli u, b'mod partikolari, lill-impatti soċjali u ekonomiċi tal-miżuri previsti.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri jkunu effikaċi fir-rigward tal-ispiża u li jkunu teknikament fattibli, u għandha twettaq stimi ta' impatti, inklużi analiżi dettaljati tal-benefiċċji fir-rigward tal-ispiża, qabel l-introduzzjoni ta' kull miżura ġdida.

(6) Il-programmi ta' miżura stabbiliti skont dan ir-regolament għandhom jinkludu miżuri ta' protezzjoni ta' spazji, b'mod li jikkontribwixxu għal *networks* koerenti u rappreżentattivi ta' żoni marini protetti, li jkopru b'mod adegwat id-diversità tal-ekosistemi kostitwenti, bħal żoni speċjali skont id-Direttiva tal-*Habitats*, ta' żoni ta' protezzjoni speċjali skond id-Direttiva tal-Għasafar, u ta' żoni marini protetti skont il-qafas ta' ftehim internazzjonali jew reġjonali li minnu Malta tagħmel parti.

(7) Meta l-awtorità kompetenti tqis li l-immaniġġar ta' xi attività umana fuq livell Komunitarju jew internazzjonali x'aktarx li jkollu impatt sinifikattiv fuq l-ambjent marin, partikolarment f'arei msemmija fis-subregolament (6), hi għandha, sew individwalment sew flimkien ma' awtoritajiet kompetenti tal-madwar, tinforma lill-awtorità kompetenti rilevanti jew l-organizzazzjoni internazzjonali konċernata għal ikkunsidrar u l-possibbli addozzjoni ta' miżuri li jistgħu jkunu neċessarji sabiex jintlaħqu l-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti, biex igħinu l-integrità, l-istruttura u l-funzjonament ta' ekosistemi fiż-żamma tagħhom jew, fejn ikun meħtieġ, fir-restawrar tagħhom.

(8) Sal-2013 l-aktar tard, l-awtorità kompetenti għandha tqiegħed għad-disposizzjoni tal-pubbliku, fir-rigward tas-sub-reġjun marin tal-Baħar Jonju u l-Baħar Mediterran Ċentrali, l-informazzjoni rilevanti dwar l-arei msemmija fis-subregolamenti (6) u (7).

(9) L-awtorità kompetenti għandha tindika fil-programm ta' miżuri kif il-miżuri jkunu sejrin jiġu implimentati u kif ikunu sejrin jikkontribwixxu lejn il-ksib tal-miri ambjentali stabbiliti fir-regolament 8(1).

(10) L-awtorità kompetenti għandha tqis l-implikazzjonijiet tal-programm ta' miżuri dwar ilmijiet lil hinn mill-ilmijiet marini ta' Malta biex jitnaqqas ir-riskju ta' dannu lil, u possibbilment ikollu impatt pożittiv fuq, dawk l-ilmijiet.

(11) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-programm ta' miżuri jibda jopera fi żmien sena minn meta jiġi stabbilit.

Eċċezzjonijiet.

**11.** (1) L-awtorità kompetenti tista tidentifika każijiet fi ħdan l-ilmijiet marini ta' Malta fejn, kull raġuni elenkata taħt il-paragrafi (*a*) sa (*d*), il-miri ambjentali jew l-istatus ambjentali tajjeb ma jistgħux jintlaħqu f'kull aspett permezz ta' miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti, jew, għal raġunijiet imsemmija taħt il-paragrafu (*e*), dawn ma jistgħux jintlaħqu fil-perjodu ta' żmien involut:

(*a*) azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni li għalihom Malta ma tkunx responsabbli;

(*b*) kawżi naturali;

(*ċ*) forza maġġuri;

(*d*) modifiki jew alterazzjonijiet fil-karatteristiċi fiżiċi tal-ilmijiet marini kkawżati minn azzjonijiet meħuda minħabba raġunijiet ta' interess pubbliku prevalenti li jissuperaw l-impatt negattiv fuq l-ambjent, inkluż kull impatt transkonfini;

(*e*) kondizzjonijiet naturali li ma jippermettux titjib f'ħin opportun fl-istatus tal-ilmijiet marini involuti.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tidentifika każijiet bħal dawn b'mod ċar fil-programm ta' miżuri u għandha tikkonsidra l-konsegwenzi għall-Istati Membri fis-sub-reġjun marin tal-Baħar Jonju u l-Baħar Mediterran Ċentrali.

(3) Madankollu, l-awtorità kompetenti għandha tieħu miżuri *ad hoc* adegwati bl-għan li tkompli tfittex tilħaq il-miri ambjentali, sabiex tipprevjeni deterjorament inferjuri fl-istatus tal-ilmijiet marini milqutin għal raġunijiet identifikati taħt is-subregolament (1)(*b*), (*ċ*) jew (*d*) u sabiex ittaffi l-impatt ħażin fil-livell tas-sub-reġjun marin tal-Baħar Jonju u l-Baħar Mediterran Ċentrali jew fl-ilmijiet marini ta' Stati Membri oħra.

(4) Fis-sitwazzjoni koperta mis-subregolament (1)(*d*), l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-modifiki jew alterazzjonijiet ma jeskludux jew ma jikkompromettux b'mod permanenti l-kisba ta' status ambjentali tajjeb fil-livell tas-sub-reġjun marin tal-Baħar Jonju u l-Baħar Mediterran Ċentrali jew fl-ilmijiet marini ta' Stati Membri oħra.

(5) Il-miżuri *ad hoc* imsemmijin fis-subregolament (3) għandhom jiġu integrati sa fejn ikun prattikabbli fil-programm ta' miżuri.

(6) L-awtorità kompetenti għandha tiżviluppa u timplimenta l-elementi kollha tal-istrateġija marina msemmija fir-regolament 5(2), ħlief fir-rigward tal-evalwazzjoni inizjali deskritta fir-regolament 6, tieħu passi speċifiċi fejn ma jkun hemm l-ebda riskju sinifikanti għall-ambjent marin, jew fejn l-ispejjeż ikunu sporporzjonati b'konsiderazzjoni mogħtija lir-riskji għall-ambjent marin, u dan sakemm ma jkunx hemm aktar deterjorament filwaqt li tevita li jiġi permanentament kompromess il-ksib ta' status ambjentali tajjeb.

(7) Meta l-awtorità kompetenti tidentifika kwistjoni li għandha impatt fuq l-istatus ambjentali tal-ibħra marini ta' Malta u li ma tistax tiġi indirizzata b'miżuri adotatti fuq livell nazzjonali, jew li tkun marbuta ma' xi politika Komunitarja jew ma' xi ftehim internazzjonali ieħor, din għandha tipprovdi ġustifikazzjoni sabiex tissostanzja l-fehma tagħha.

**12.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li, fir-rigward tas-sub-reġjun tal-Baħar Jonju u tal-Baħar Mediterran Ċentrali, l-istrateġija marina għall-ilmijiet marini ta' Malta tinżamm Aġġornamenti.

aġġornata.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1), l-awtorità kompetenti għandha tirrevedi, b'mod kordinat kif imsemmi fir-regolament 5, l-elementi li ġejjin tal-istrateġija marina kull sitt snin wara t-twaqqif inizjali tagħha:

(*a*) il-valutazzjoni inizjali u d-determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb, kif provdut fir-regolamenti 6(1) u 7, rispettivament;

(*b*) il-miri ambjentali stabbiliti skont ir-regolament 8(1);

(*ċ*) il-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti skont ir-regolament 9(1) u (2);

(*d*) il-programmi ta' miżuri stabbiliti skont ir-regolament 10(3).

Rapporti interim.

**13.** L-awtorità kompetenti għandha, sa tliet snin mill-pubblikazzjoni ta' programm ta' miżuri jew aġġornament tiegħu skont ir-regolament 12(2), tipprepara rapport interim qasir li jiddeskrivi l-progress fl-implimentazzjoni ta' dak il-programm.

Konsultazzjoni pubblika u informazzjoni.

**14.** (1) Skond il-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti eżistenti, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-partijiet interessati kollha jiġu mogħtija opportunitajiet bikrija u effettivi sabiex jipparteċipaw fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, filwaqt li jiġu involuti, fejn ikun possibbli, korpi jew strutturi eżistenti ta' immaniġġar, inklużi Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali, Korpi Konsultattivi Xjentifiċi u Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tippubblika, u tagħmel disponibbli għall-pubbliku, għall-finijiet ta' kummenti, sommarji tal-elementi li ġejjin fl-istrateġija marina, jew l-aġġornamenti relatati, kif ġej:

(*a*) il-valutazzjoni inizjali u d-determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb, kif previst fir-regolament 6(1) u 7 rispettivament;

(*b*) il-miri ambjentali skond ir-regolament 8(1);

(*ċ*) il-programm ta' monitoraġġ stabbilit skond ir-regolament 9(1) u (2);

(*d*) il-programm ta' miżuri stabbilit skont ir-regolament 10(3).

(3) Dwar l-aċċess għal informazzjoni ambjentali, għandha tapplika d-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 fuq l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali.

SKEDA I

Regolament 7

Deskritturi kwalitattivi għad-determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb

(1) Id-diversità bijoloġika hija miżmuma. Il-kwalità u l-preżenza tal-*habitats* u d-distribuzzjoni u l-abbundanza tal-ispeċi huma konformi mal-kondizzjonijiet fiżjografiċi, ġeografiċi u klimatiċi prevalenti.

(2) Speċji mhux indiġeni introdotti minn attivitajiet umani huma f'livelli li ma jbiddlux negattivament l-ekosistemi.

(3) Il-popolazzjonijiet tal-ħut u krostaċej kollha sfruttati kummerċjalment jinsabu f'limiti bijoloġiċi siguri, filwaqt li jippreżentaw distribuzzjoni tal-popolazzjoni fuq il-bażi tal-età u tad-daqs li tindika stokk b'saħħtu.

(4) L-elementi kollha tas-sistemi marini tal-ikel, sa fejn huma magħrufa, jeżistu f'abbundanza u f'diversità normali u f'livelli li huma kapaċi jiżguraw l-abbundanza tal-ispeċi fuq perjodu twil ta' żmien u ż-żamma tal-kapaċità riproduttiva sħiħa tagħhom.

(5) L-ewtrofikazzjoni indotta mill-bniedem hi minimizzata, speċjalment l-effetti ħżiena tagħha, bħat-telf fil-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-ekosistema, il-proliferazzjoni ta' algi dannużi, u n-nuqqas ta' ossiġnu fl-ilmijiet tal-qiegħ.

(6) L-integrità ta' qiegħ il-baħar tkun f'livell li jiżgura li l-istruttura u l-funzjonijiet tal-ekosistemi huma salvagwardati u l-ekosistemi tal-flora u l-fawna ta' qiegħ il-baħar, b'mod partikolari, ma jiġux milquta ħażin.

(7) L-alterazzjoni permanenti tal-kondizzjonijiet idrografiċi ma tolqotx ħażin l-ekosistemi marittimi.

(8) Il-konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti huma f'livelli li ma jwasslux għal effetti ta' tniġġis.

(9) Il-kontaminanti f'ħut u f'ikel tal-baħar ieħor għall-konsum tal-bniedem ma jeċċedux livelli stabbiliti mil-leġislazzjoni Komunitarja jew *standards* rilevanti oħra.

(10) Il-proprjetajiet u l-kwantitajiet ta' rifjuti marini ma jikkawżawx dannu għall-ambjent kostali u marin.

(11) L-introduzzjoni tal-enerġija, inkluż storbju ta' taħt il-baħar, hija f'livelli li ma jolqtux ħażin l-ambjent marin.

Sabiex jiddeterminaw il-karatteristiċi ta' status ambjentali tajjeb f'Reġjun jew Sub-Reġjun Marittimu kif previst fir-regolament 7, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra kull wieħed mid-deskritturi kwalitattivi elenkati f'din l-Iskeda sabiex tidentifika dawk id-deskritturi li għandhom jintużaw fid-determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb għal dak ir-Reġjun jew Sub-Reġjun Marittimu. Meta l-awtorità kompetenti tikkunsidra li ma jkunx il-każ li jintuża xi wieħed jew diversi minn dawk id-deskritturi, hija għandha tipprovdi ġustifikazzjoni.

*Sostitwita: A.L.365 tal-2018.*

SKEDA II

Regolamenti 6, 7, 8 u 9

Listi indikattivi tal-elementi tal-ekosistema, tal-pressjonijiet antropoġeniċi u tal-attivitajiet tal-bniedem rilevanti għall-ibħra

**Tabella 1**

L-istruttura, il-funzjonijiet u l-proċessi tal-ekosistemi tal-baħar b'rilevanza partikolari għall-punt (a) tar-regolament 6(1) u tar-regolamenti 7 u 9

| **Tema** | **Elementi tal-ekosistema** | **Il-parametri u l-karatteristiki possibbli (Nota 1)** | **Deskritturi kwalitattivi rilevanti stabbiliti fl-Iskeda I (in-Noti 2 u 3)** |
|---|---|---|---|
| Speċi | Gruppi ta' speċi (in-Nota 4) ta' għasafar tal-baħar, mammiferi tal-baħar, rettili, ħut u ċefalopodi tar-reġjun jew tas-sottoreġjun tal-baħar | Varjazzjoni spazjali u temporali għal kull speċi jew popolazzjoni:<br>— id-distribuzzjoni, l-abbundanza u/jew il-bijomassa<br>— id-daqs, l-istruttura tal-età u tas-sess<br>— ir-rati tal-fekondità, tas-sopravvivenza u tal-mortalità/korriment<br>— l-imġiba li tinkludi l-moviment u l-migrazzjoni<br>— l-ambjent naturali tal-ispeċi (il-firxa, l-idoneità), l-ispeċi li jiffurmaw il-grupp | (1); (3) |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ħabitats | Tipi ta' ħabitats ġenerali tal-kolonna tal-ilma (pelaġiċi) u ta' qiegħ il-baħar (bentiċi) (in-Nota 5), jew tipi oħra ta' ħabitats, fosthom il-komunitajiet bijoloġiċi assoċjati magħhom madwar ir-reġjun jew is-sottoreġjun tal-baħar kollu | Għal kull tip ta' ħabitat:<br>— id-distribuzzjoni tal-ħabitats u l-firxa (u l-volum, fejn hu rilevanti)<br>— il-kompożizzjoni tal-ispeċi, l-abbundanza u/jew il-bijomassa (varjazzjoni spazjali u temporali)<br>— fid-daqs u fl-età tal-ispeċi (fejn rilevanti)<br>— il-karatteristiki fiżiċi, idroloġiċi u kimiċi<br>Barra minn hekk, għal ħabitats pelaġiċi:<br>— konċentrament ta' klorofilla<br>— il-frekwenzi u l-firxa spazjali tal-proliferazzjoni tal-plankton | (1); (6) |

| | | | |
|---|---|---|---|
| L-ekosistemi, inklużi x-xbieki alimentari | L-istruttura, il-funzjonijiet u l-proċessi tal-ekosistemi, li jinkludu:<br>— il-karatteristiċi fiżiċi u idroloġiċi<br>— il-karatteristiċi kimiċi<br>— il-karatteristiċi bijoloġiċi<br>— il-funzjonijiet u l-proċessi | Varjazzjoni spazjali u temporali:<br>— fit-temperatura u fis-silġ<br>— fl-idroloġija (is-sistemi tal-mewġ u tal-kurrenti; l-upwelling, it-taħlit, iż-żmien ta' residenza, l-influss ta' ilma ħelu; il-livell tal-baħar)<br>— batimetrija<br>— id-dardir tal-ilma (l-ammont ta' sediment/ħama) trasparenza, akustika<br>— is-sottostrat u l-morfoloġija ta' qiegħ il-baħar<br>— is-salinità, in-nutrijenti (N u P), il-karbonju organiku, il-gassijiet maħlula ($pCO_2$, $O_2$) u l-pH<br>— ir-rabtiet bejn il-ħabitats u l-ispeċi ta' għasafar tal-baħar, ta' mammiferi u rettili tal-baħar, tal-ħut u taċ-ċefalopodi<br>— l-istruttura tal-komunitajiet pelaġiċi-bentiċi<br>— il-produttività | (1); (4) |

**Noti marbuta mat-Tabella 1**

Nota 1: Ingħatat lista indikattiva tal-parametri u karatteristiki rilevanti għall-ispeċi, il-ħabitats u l-ekosistemi, li jirriflettu l-parametri affettwati mill-pressjonijiet tat-Tabella 2 ta' din l-Iskeda u li huma ta' rilevanza għal kriterji stabbiliti skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2008/56/KE. Il-parametri u l-karatteristiki partikolari li għandhom jintużaw għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni għandhom jiġu ddeterminati skont ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti, inklużi dawk tar-regolamenti 6, 7, 8 u 9.

Nota 2: In-numri f'din il-kolonna huma referenza għall-punti nnumerati rispettivament fl-Iskeda I.

Nota 3: Fit-Tabella 1 huma elenkati biss id-deskritturi kwalitattivi (1), (3), (4) u (6) ibbażati fuq l-istat, li għandhom il-kriterji stipulati skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2008/56/KE. Id-deskritturi kwalitattivi l-oħrajn kollha bbażati fuq il-pressjoni, fl-Iskeda I jistgħu jkunu rilevanti għal kull tema.

Nota 4: Dawn il-gruppi ta' speċi huma speċifikati aktar fid-dettall fil-Parti II tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/848 tas-17 ta' Mejju 2017 li tistabbilixxi kriterji u standards metodoloġiċi ta' *status* ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar, kif ukoll speċifikazzjonijiet u metodi standardizzati għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2010/477/UE.

Nota 5: Dawn it-tipi ġenerali ta' ħabitats huma speċifikati aktar fid-dettall fil-Parti II tal-Anness tad-Deċiżjoni (UE) 2017/848.

## Tabella 2

Il-pressjonijiet antropoġeniċi, l-użi u l-attivitajiet tal-bniedem fl-ambjent tal-baħar jew li jaffettwaw l-ambjent tal-baħar

| **2a. Il-pressjonijiet antropoġeniċi fuq l-ambjent tal-baħar**<br>b'rilevanza partikolari għall-punti (a) u (b) tar-regolament 6(1), u r-regolamenti 7, 8 u 9 | | | |
|---|---|---|---|
| **Tema** | **Il-pressjoni (Nota 1)** | **Il-parametri possibbli** | **Id-deskritturi kwalitattivi rilevanti stabbiliti fl-Iskeda I (in-Noti 2 u 3)** |
| Bijoloġika | Id-dħul ta' jew it-tixrid ta' speċi mhux indiġeni | L-intensità u l-varjazzjoni spazjali u temporali, tal-pressjoni fuq l-ambjent tal-baħar u, fejn rilevanti, fis-sors<br>Għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali tal-pressjoni, agħżel l-elementi tal-ekosistemi u l-parametri rilevanti mit-Tabella 1 | (2) |
| | Id-dħul ta' patoġeni mikrobiċi | | |
| | Id-dħul ta' speċi li tkun immodifikata ġenetikament u t-traslokazzjoni ta' speċi lokali | | |
| | It-telf ta' komunitajiet bijoloġiċi naturali, jew bidla fihom, minħabba l-koltivazzjoni ta' speċi ta' annimali jew veġetali | | |
| | L-isfrattar tal-ispeċi (eż. fejn ibidu, fejn jistrieħu u fejn jieklu) minħabba l-preżenza tal-bniedem | | |
| | L-estrazzjoni ta' speċi slavaġ, jew il-mewt/il-korriment tagħhom, (minħabba s-sajd kummerċjali u rikreattiv u attivitajiet oħra) | | (3) |
| Fiżika | Disturbi fiżiċi ta' qiegħ il-baħar (temporanji jew riversibbli) | | (6); (7) |
| | Telf fiżiku (minħabba bidla permanenti tas-sottostrat ta' qiegħ il-baħar jew minħabba l-morfoloġija u l-estrazzjoni tas-sottostrat minn qiegħ il-baħar) | | |
| | Bidliet fil-kondizzjonijiet idroloġiċi | | |
| Sustanzi, skart u enerġija | Id-dħul tan-nutrijenti<br>— sorsi diffużi, sorsi minn punti partikolari, depożitu atmosferiku | | (5) |
| | Id-dħul ta' materja organika<br>— sorsi diffużi u sorsi minn punti partikolari | | |
| | Id-dħul ta' sustanzi oħrajn (eż. sustanzi sintetiċi, sustanzi mhux sintetiċi, radjunuklidi)<br>— sorsi diffużi, is-sorsi minn punti, depożitu atmosferiku, avvenimenti akuti | | (8); (9) |
| | Id-dħul ta' skart (skart solidu li jinkludi l-iskart ta' daqs mikro) | | (10) |
| | Id-dħul ta' ħsejjes antropoġeniċi (impulsivi, kontinwi) | | (11) |
| | Id-dħul ta' forom oħra ta' enerġija (fosthom il-kampi elettromanjetiċi, id-dawl u s-sħana) | | |
| | Id-dħul ta' ilma<br>— sorsi minn punti partikolari (eż. ilma mielaħ) | | |

| **2b. L-użi u l-attivitajiet tal-bniedem li jaffettwaw l-ambjent tal-baħar**<br>b'rilevanza partikolari għall-punti (b) u (ċ) tar-regolament 6(1) (l-attivitajiet immarkati * biss huma rilevanti għall-punt (ċ) tar-regolament 6(1)), u għar-regolamenti 8 u 10 | |
|---|---|
| **Tema** | **Attività** |
| Ir-ristrutturar fiżiku tax-xmajjar, kostali jew f'qiegħ il-baħar (il-ġestjoni tal-ilma) | It-teħid tal-art |
| | Il-bini ta' sistemi ta' kanali u modifiki oħra tal-kanali tal-ilma |
| | Id-difiża tal-kosta u l-protezzjoni mill-għargħar * |
| | Strutturi barra mix-xtut (minbarra dawk taż-żejt/tal-gass/tal-enerġija rinnovabbli)* |
| | Ir-ristrutturar tal-morfoloġija ta' qiegħ il-baħar, inkluż it-tindif tal-ħama u d-depożitu ta' materjali * |
| L-estrazzjoni ta' riżorsi mhux ħajjin | L-estrazzjoni ta' minerali (ġebel, metall, minerali, żrar, ramel, qxur tal-molluski) * |
| | L-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass, inkluż l-infrastruttura* |
| | L-estrazzjoni tal-melħ |
| | L-estrazzjoni tal-ilma * |
| Il-produzzjoni tal-enerġija | Il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli (mir-riħ, mill-mewġ u l-enerġija mill-mili u t-tifrigħ tal-baħar), inkluż l-infrastruttura* |
| | Il-ġenerazzjoni tal-enerġija mhux rinnovabbli |
| | It-trażmissjoni tal-elettriku u tal-komunikazzjonijiet (*cables*)* |
| L-estrazzjoni tar-riżorsi ħajjin | Il-qbid ta' ħut u tal-frott tal-baħar (professjonali, ta' rikreazzjoni) * |
| | L-ipproċessar ta' ħut u frott tal-baħar* |
| | Il-qtugħ tal-pjanti tal-baħar* |
| | Il-kaċċa u l-ġbir għal skopijiet oħra* |
| Il-kultivazzjoni ta' riżorsi ħajjin | L-akkwakultura —fil-baħar, inkluż l-infrastruttura* |
| | L-akwakultura fl-ilma ħelu |
| | L-agrikultura |
| | Il-forestrija |
| It-trasport | L-infrastruttura tat-trasport* |
| | It-trasport —bastimenti tal-baħar* |
| | It-trasport —bl-ajru |
| | It-trasport — fuq l-art |
| L-użi industrijali u urban | L-użi urbani |
| | L-użi industrijali |
| | It-trattament u r-rimi tal-iskart* |

| | |
|---|---|
| It-turiżmu u l-passatempi | L-infrastrutturi għat-turiżmu u għall-passatempi |
| | L-attivitajiet turistiċi u l-passatempi* |
| Is-sigurtà u d-difiża | Operazzjonijiet militari (soġġett għar-regolament 1(5)) |
| L-edukazzjoni u r-riċerka | Ir-riċerka, l-istħarriġ u l-attivitajiet edukattivi* |

**Noti marbuta mat-Tabella 2**

Nota 1: Il-valutazzjonijiet tal-pressjonijiet għandhom jindirizzaw il-livelli tagħhom fl-ambjent tal-baħar u, fejn rilevanti, ir-rati tad-dħul (minn sorsi bbażati fuq l-art jew atmosferiċi) għall-ambjent tal-baħar.

Nota 2: In-numri f'din il-kolonna huma referenza għall-punti nnumerati rispettivament fl-Iskeda I.

Nota 3: Fit-Tabella 2a huma elenkati biss id-deskritturi kwalitattivi (2), (3), (5) (6), (7), (8), (9), (10) u (11) ibbażati fuq il-pressjoni, li għandhom il-kriterji stipulati skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2008/56/KE. Id-deskritturi kwalitattivi l-oħrajn kollha bbażati fuq l-istat, skont l-Iskeda I jistgħu jkunu rilevanti għal kull tema.

---

SKEDA III

Regolament 9

Listi indikattivi ta' karatteristiċi li tagħhom irid jittieħed kont għad-determinazzjoni ta' miri ambjentali

(1) Kopertura adegwata tal-elementi li jikkaratterizzaw l-ilmijiet marini taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri f'Reġjun jew Sub-Reġjun Marin.

(2) Il-ħtieġa li jiġu stabbiliti -

(*a*) miri li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet mixtieqa bbażati fuq id-definizzjoni ta' status ambjentali tajjeb;

(*b*) miri miżurabbli u indikaturi assoċjati li jippermettu l-monitoraġġ u l-valutazzjoni; u

(*ċ*) miri operattivi relatati ma' miżuri konkreti ta' implimentazzjoni sabiex jappoġġaw il-kisba tagħhom.

(3) Speċifikazzjoni tal-istatus ambjentali li għandu jintlaħaq jew jinżamm u formulazzjoni ta' dak l-istatus f'termini ta' kwalitajiet miżurabbli tal-elementi li jikkaratterizzaw l-ilmijiet marini ta' Stat Membru f'Reġjun jew Sub-Reġjun Marin.

(4) Konsistenza tas-sett ta' miri; assenza ta' konflitti bejniethom.

(5) Speċifikazzjoni tar-riżorsi meħtieġa sabiex jintlaħqu l-miri.

(6) Formulazzjoni tal-miri, li jinkludu miri interim possibbli, b'perijodu definit ta' żmien sabiex jintlaħqu.

(7) Speċifikazzjoni ta' indikaturi maħsuba sabiex jissorveljaw il-progress u

sabiex jiggwidaw deċiżjonijiet maniġerjali sabiex jintlaħqu l-miri.

(8) Meta jkun adatt, speċifikazzjoni ta' punti ta' riferiment (punti ta' riferiment għall-miri u l-limiti).

(9) Konsiderazzjoni dovuta ta' interessi soċjali u ekonomiċi meta jiġu stabbiliti l-miri.

(10) Eżami tas-sett ta' miri ambjentali, indikaturi assoċjati u punti ta' riferiment tal-limiti u l-miri żviluppati fid-dawl tal-objettiv ambjentali stipulat fir-regolament 1, sabiex jiġi valutat jekk il-kisba tal-miri twassalx l-ilmijiet marini li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri f'Reġjun Marin għal status li jikkorrispondi magħhom.

(11) Kompatibbiltà tal-miri mal-objettivi li l-Komunità u l-Istati Membri tagħha kkommettew ruħhom għalihom taħt kull ftehim internazzjonali u reġjonali rilevanti, bl-użu ta' dawk li huma l-aktar rilevanti għar-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat bil-għan li jinkisbu l-objettivi ambjentali stabbiliti fir-regolament 1.

(12) Meta jiġi stabbilit is-sett ta' miri u indikaturi, dawn għandhom jiġu eżaminati flimkien relattivament mal-objettiv ambjentali stipulat fir-regolament 1 sabiex jiġi valutat jekk il-kisba tal-miri twassalx l-ambjent marin għal status li jikkorrispondi magħhom.

---

## SKEDA IV

### Regolament 9

### Programmi ta' monitoraġġ

(1) Il-ħtieġa li tiġi provduta informazzjoni għall-valutazzjoni tal-istatus ambjentali u għal stima tad-distanza minn, u l-progress lejn, status ambjentali tajjeb konformement mal-Iskeda I u mal-kriterji u *standards* metodoloġiċi li għandhom jiġu definiti mill-Kummisjoni Ewropea.

(2) Il-ħtieġa li tiġi żgurata l-ġenerazzjoni tal-informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' indikaturi adatti għall-miri ambjentali previsti fir-regolament 8.

(3) Il-ħtieġa li tiġi żgurata l-ġenerazzjoni tal-informazzjoni li tippermetti l-istima tal-impatt tal-miżuri previsti fir-regolament 10.

(4) Il-ħtieġa li jiġu inklużi attivitajiet sabiex tiġi identifikata l-kawża tal-bidla u għalhekk il-miżuri korrettivi possibbli li jkunu meħtieġa li jittieħdu sabiex jerġa' jinkiseb l-istatus ambjentali tajjeb, meta d-devjazzjonijiet mill-firxa tal-istatus mixtieq ikunu identifikati.

(5) Il-ħtieġa li tiġi provduta informazzjoni dwar inkwinanti kimiċi fi speċi għall-konsum tal-bniedem minn żoni ta' sajd kummerċjali.

(6) Il-ħtieġa li jiġu inklużi attivitajiet sabiex jikkonfermaw li l-miżuri korrettivi jwasslu t-tibdil mixtieq u l-ebda effetti sekondarji mhux mixtieqa.

(7) Il-ħtieġa li tinġabar flimkien l-informazzjoni b'referenza għal Reġjuni jew Sub-Reġjuni Marini skont ir-regolament 5.

(8) Il-ħtieġa li tiġi żgurata l-komparabbiltà ta' approċċi u metodi ta' valutazzjoni fi u bejn reġjuni marini jew sub-reġjuni.

(9) Il-ħtieġa li jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati għall-monitoraġġ fil-livell Komunitarju li jippermettu l-komparabbiltà tal-

informazzjoni.

(10) Il-ħtieġa li kemm jista' jkun possibbli tiġi żgurata l-kompatibbiltà ma' programmi eżistenti żviluppati fil-livelli reġjonali u internazzjonali bil-ħsieb li titrawwem konsistenza bejn dawn il-programmi u li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi, bl-użu ta' dawk il-linji gwida ta' monitoraġġ li huma l-aktar rilevanti għar-Reġjun jew għas-Sub-Reġjun Marin konċernat.

(11) Il-ħtieġa li tiġi inkluża bħala parti mill-valutazzjoni inizjali prevista fir-regolament 6 il-valutazzjoni ta' bidliet kbar fil-kondizzjonijiet ambjentali kif ukoll, fejn meħtieġ, ta' kwistjonijiet ġodda u emerġenti.

(12) Il-ħtieġa li jiġu indirizzati bħala parti mill-valutazzjoni inizjali prevista fir-regolament 6, l-elementi rilevanti elenkati fl-Iskeda I inkluża l-varjabbiltà naturali tagħhom u sabiex jiġi evalwat il-progress lejn il-kisba tal-miri ambjentali stipulati skont ir-regolament 8, bl-użu, kif jixraq, tal-indikaturi stabbiliti u l-punti ta' referenza tal-limiti jew miri tagħhom.

---

SKEDA V

Regolament 10

Programmi ta' miżuri

(1) Kontrolli tal-*input*: miżuri ta' ġestjoni li jinfluwenzaw l-ammont ta' attività tal-bniedem li tkun permessa.

(2) Kontrolli tal-*output*: miżuri ta' ġestjoni li jinfluwenzaw il-grad ta' perturbazzjoni ta' komponent tal-ekosistema li jkun permess.

(3) Kontrolli tad-distribuzzjoni ġeografika u temporali: miżuri ta' ġestjoni li jinfluwenzaw fejn u meta jkun permess li sseħħ xi attività.

(4) Miżuri ta' kordinazzjoni tal-ġestjoni: strumenti sabiex jiżguraw li l-ġestjoni tkun kordinata.

(5) Miżuri sabiex titjieb it-traċċabbiltà, fejn dan ikun fattibbli, tat-tniġġis marin.

(6) Inċentivi ekonomiċi: miżuri ta' ġestjoni li jagħmluha fl-interess ekonomiku ta' dawk li jużaw l-ekosistem marini li jaġixxu b'modi li jgħinu fil-kisba tal-objettivi ta' status ambjentali tajjeb.

(7) Strumenti ta' mitigazzjoni u rimedju: strumenti ta' ġestjoni li jiggwidaw l-attivitajiet tal-bniedem sabiex jirrestawraw komponenti danneġġati tal-ekosistemi marini.

(8) Komunikazzjoni, l-involviment tal-partijiet interessati u t-tqajjim ta' kuxjenza pubblika.

---